# ĠEJJA X-XITA

## GĦANJA FUQ IL-FEHMIET POPOLARI TA' DARI

Taf tgħidilna, nann, x'temp jagħmel?
M'hemmx ħlief sħaba daqs maktur
kollha mqattgħa, x'tista tagħmel?
Ibni xita jkollna żgur,

Għax jekk taħsel dik l-għanqbuta
tagħmel ftit lejn il-punent
temp mill-aktar qalil torbot,
kif ma ddumx ma tara ent.

M'hux ta' dan, issa l-ħmar tiegħi
li ħmistax mitluq kien ilu
ġol-marġ jirgħa bla ma fettxni,
kont dal-waqt qed nifli għamilu:

L-ewwel, dawra dar fuq tiegħu;
widnejh waqqaf, rasu talla,
pruwa mbagħ'd lejn id-dar għamel,
trekken ġewwa, u l-ħdura ħalla.

U 'ssa rajt tpassi 'l quddiem
ma' xfar Malta minn dal-ġenb
qatgħa mbellgħa ta' summien,
donnha wrajha għandha l-maltemp.

Il-pespus kemm kien fuq ruħu
fit-tisfir u fit-tajran;
dejjem hekk fit-tjieb u l-bnazzi
juri ruħu wisq ferħan;

bilkemm issa q'ed jinstama'
kollu ħniena jbejki u jingħi
"Zikk-zi-zik" igħid u jtenni
mnejn hu liebet bejn il-friegħi:



B'dik il-bikja li r-ruħ tislet
b'ġewnħu mmantar fuq saqajh,
u b'għajnejh jingħalqu jridu
donnu jgħidlek x'ġej urajh!...

Ġejja x-xita,—l-ewwel xita—
għax in-nemel tal-ġwienħaj'
minn taħt l-art ħareġ jittajjar
biex jurina li hu ħaj;

u l-ħuttaf bil-qtajja' qtajja'
ma' l-art l-art għaddej' iżiġġ;
sab x'irossu fejn kien qiegħed,
resaq 'l hawn l-għajxien jfittx.

U l-hajbur ukoll tar-rtuba
riekeb fuq ir-riħ tax-xmiel
sħajjeb sħajjeb qed jitlajja
minn tal-ewwel xita ħjel.

Id-dubbien, minn dak li joqros,
ixheb, mutu, beda jfeġġ:
ġie minn taħt ix-xemx iżurna
fuq id-dgħajjes għamel vjeġġ.

Ar' bid-dell li dik is-sħaba
tefgħet fuq dik l-għolja mbiegħda
ta' Binġemma f'daqqa waħda
kemm qrib minn'na tidher qiegħda;

u l-agħsafar illi qabel
kienet fl-ajru q'eda tħuf
kollha ngabru qalb is-siġar:
ibni, x-xita, ħaw' fit-truf.

R. Mifsud Bonnici.